QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

Onor. Imhallef Joseph G. Galea Debono B.A. , LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS, 11 t'April, 2002.

Appell Numru . 20/2002 JGD.

IL-PULIZIJA.

(Spettur Josric Mifsud.)

vs.

MARTIN GRECH .

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Martin Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u cioe' talli f'dawn il-Gzejjer , fit-13 ta' Dicembru, 2000, u f'dawn l-ahhar sentejn qabel din id-data ,
a) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dana bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta , liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu ;
b) biegh jew xort' ohra ttrafika ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza ;
c) talli ikkommetta dawn ir-reati f'post , fi jew gewwa centru u jew f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur tal-Ordinanza dwar il-professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom ;
d) talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti , u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda , ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu , jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk bi ksur tal-art. 12 tal-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku 1932 , Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta ;
e) ghamilha ta' ricevitur tal-gugati tal-Lottu meta ma kienx awtorzzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi bi ksur tal-Artikolu 13 ta' l-Ordinanza dwar Lottu Pubbliku 1932 Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta ;
f) biegh jew offra ghall-biegh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan bi ksur tal-Art. 14 tal-Ordinanza dwar Lottu Pubbliku 1932 , Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta ;
g) Organizza xi pools fuq loghob projbit jew gabar gugati dwar hekk , sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn , jew ghen jew hajjar biex isiru dawn il-pools bi x'mod u dan bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Kap.131 tal-Ilgijiet ta' Malta
bit-talba lil Qorti , sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi , tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar, 2001 li bih l-imputat appellant kien ammetta l-ewwel tlitt akkuzi dedotti kontra tieghu u ikkontesta il-kumplament ;

Rat is-Sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar, 2002 li biha sabat lill-appellant hati skond l-akkuzi (a) (b) (c) u wara li rat l-artikolu 17 , ir-Regolament 8 GN 292/39 u l-Artikoli 8 (a) u 22 (2) (b) (1) u it-tieni proviso tal-istess Artikolu u l-Artikolu 29 tal-Kap 101 , ikkundannatu ghal piena ta' priguneija ghal zmien sentejn u multa ta' hames mitt lira

Maltin (LM500) u ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' LM31.25c spejjez tad-dokument MM a tenur tal-art. 533 , u ma sabitx lill-appellant hati tal-kumplament tal-akkuzi u lliberatu minnhom u ordnat id-distruzzjoni tad-droga a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li kien gie nominat ghal dan l-iskop u in fine awtorizzat lill-appellant jirtira il-flus esebiti (Dok. D. 4) stante li ma rrizultax li dawna kellhom provenjenza illegali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant ipprezentat fl-1 ta' Frar, 2002 fejn talab li din il-Qorti, waqt li tikkonferma is-sentenza appellata , fejn sabitu hati tal-ewwel tlitt akkuzi u lliberatu mill-akkuzi l-ohra , tvarja, u timmodifika l-istess sentenza ghal dak li jikkoncerna il-piena u tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu ihallas LM31.25c spejjez .

Rat li l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fil-qosor filli l-piena kienet wahda eccessiva , li hu ma kienx xi spaccatur kbir tad-droga, imma kien dipendenti fuq id-droga u kien ibiegh id-droga biex isostni il-vizzju tieghu ; ghalkemm hu minnu li hu iggira id-droga per mezz ta' terza persuna, certu Andrew Buhagiar li ukoll kien dipendenti fuq id-droga, u li kien gie sentenzjat biss minn din il-Qorti ghal disa' xhur prigunerija . Gie sottomess ukoll li l-piena bejn iz-zewg sentenzi kienet dispropozjonata ghall-ahhar.Li ix-xhieda tat-tobba Dr. Joseph Cassar u Dr. Josette Scicluna ma inghatatx piz mill-ewwel Qorti li irriteniet li din ix-xhieda bl-ebda mod ma kellha tigi konsidrata fil-piena . Li il-fatturi psikologici tal-appellant kienu jikkwalifikaw il-volonta' tieghu ghalkemm ma kienux tali li jimpeduhielu kompletament u li fl-ahhar nett ma messux gie kundannat ihallas l-ispejjez tad-Dokument MM ghaliex dawn gew inkorsi fil-kors tal-inkjesta u mhux fil-process gudizzjarju ai fini tal-Art. 533.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli Prosekutur ;

Rat in-Nota tal-appellant tal-1 t'April, 2002 li biha hu esebixxa diversi dokumenti relatati mall-impieg tieghu u l-hlas ta' income tax.

Ikkunsidrat ;

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena inflitta mill-ewwel Qorti u l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tal-perizja .

Illi dwar il-piena, kif gie kostantement ritenut minn din il-Qorti kemm diversament preseduta , kif ukoll kif preseduta, il-funzjoni ta' din il-Qorti ghar-rigward ta' appelli dwar piena , hu dak li tara li il-piena inflitta mill-ewwel Qorti ma tkunx tohrog mill-parametri permessi mill-ligi , kif ukoll li tara li il-piena inflitta ma tkunx manifestament sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz .

Illi l-ewwel Qorti jidher li qieset il-fatturi kollha li normalment jiddeterminaw il-piena fis-sentenza appellata u partikolarment il-fedina penali, l-eta' u d-dipendenza tal-appellant fuq id-droga , ir-rapport favorevoli tal-probation officer , l-ammissjoni fi stadju bikri tal-process , il-ko-operazzjoni li wera l-appellant mall-Pulizija, u id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-imputat appellant kien ghen lil Pulizija fl-investigazzjoni taghhom u li it-tip ta' droga involuta kienet dik komunement indikata bhala "soft drug" . Pero' ukoll l-ewwel Qorti immotivat is-sentenza taghha fir-rigward tal-piena inflitta billi qieset il-gravita' tar-reat in disamina il-frekwenza tar-reati kommessi mill-appellant u li i l-appellant kien iqabbad persuna sabiex ibiegh ghan-nom tieghu u anki kien jixtri ammont sostanzjali tar-raza ghal dan l-iskop u dan wassalha biex tapplika piena karcerarja ghal zmien adegwat sabiex isservi bhala deterrent effettiv biex fih l-appellant ikollu , jekk ben motivat , l-opportunita' li jehles mid-dipendenza tieghu mid-droga.

Illi l-ewwel Qorti - kuntrarjament ghal dak li jissottometti skorrettement l-appellant fir-rikors tieghu fejn jghid li l-ewwel Qorti irriteniet li ix-xhieda tal-esperti medici imressqa minnu bl-ebda mod ma kellha tigi konsidrata fil-piena - jidher li hadet in konsiderazzjoni din ix-xhieda , tant li l-ewwel Qorti qalet li l-konkluzzjonijiet ta' dawn ix-xhieda medici ma jimmilitawx kontra il-konkluzzjoni taghha li kienet mehtiega piena karcerarja . Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ic-certifikati esebiti minn dawn ix-xhieda

u ix-xhieda taghhom moghtija quddiem l-ewwel Qorti u tosserva li dawn ix-xhieda ma tawx opinjoni dwar piena karcerarja imma biss iddeskrivew l-istat psikiku tal-pazjent bhala karattru pessimist , introvert u li ibaghti minn ansjeta' u incertezzi u li facilment ikun propens li jigi " led on " . Imma dawn huma kondizzjonijiet xejn rari fl-umanita' u zgur li ma jezonerawx mir-responsabbilta' kriminali , specjalment fejn jirrigwarda spaccar ripetut ta' droga ghal zmien pjuttost twil b'system of conduct ta' xiri u biegh f'katina elaborata u organizzata ta' spaccaturi, sub-spaccaturi u xerrejja. .

Illi dwar l-isproprzjon fil-piena bejn is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-konfront ta' Andre' Buhagiar u konfermata minn din il-Qorti fl-14 ta' Marzu, 2002, u il-piena inflitta fuq l-appellant odjern, jigi osservat li rrizulta mill-istess stqarrija tal-appellant fl-inkjesta magisterjali (fol.24 sa 26 tal-process) li l-appellant kien jinqeda ' bis-servizzi tal-istess Buhagiar biex ibieghlu id-droga ossia juza lill-Buhagiar bhala speci ta' sub-agent tieghu u dan ovvjament wassal lill-ewwel Qorti biex tirraviza aktar gravita' fl-attivita' kriminali tal-appellant minn dak ta' Buhagiar . Din ir-raguni wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx maghha imma zgur li ma jistax jintqal li mhux raguni valida li fuqha l-ewwel Qorti setghet ibbazat id-differenzjazzjoni bejn il-piena inflitta fuq Buhagiar u dik inflitta fuq l-appellant . Di fatti dan il-fatt issemma mill-ewwel Qorti espressament bhala wiehed li jaghmel ir-reat tal-appellant wiehed gravi .

Illi umbaghad il-fatt li l-appellant kellu impieg sod ma missieru b'introjtu tajjeb ghall-eta' u edukazzjoni li ghandu u b'dana kollu xorta wahda hass li ghandu jidhol fic-cerkju tal-ispaccjar tad-droga, jekk xejn jimmilita kontra u mhux favur l-appellant ghax juri li ghalkemm ma kienx fil-bzonn , hass li ghandu jindahal ghall-ispaccjar tad-droga fuq skala li, ghalkemm mhux enormi ,imma kienet kbira bizzejjed biex tirovina jew tkompli tirrovina il-hajja ta' hafna konsumaturi tad-droga ohra.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tara li il-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija wahda li taqa'entro il-paramentri permessi mill-ligi u li hija aktar vicin il-minimu milli lill-massimu ta' disa' snin prigunerija applikabbli ghal-kaz . Din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti qieset il-fatturi kollha ghall-mitigazzjoni li id-difensur tal-appellant rega qed iqajjem quddiem din il-Qorti u hadithom in konsiderazzjoni meta uzat id-diskrezzjoni taghha biex infliggiet il-piena . Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward , konformement mall-principji fuq enuncjati .

Illi dwar l-aggravju dwar l-ispejjez tal-hlas tal-perizja, jidher li b'Digriet taghha tat-22 ta' Jannar, 2001, l-ewwel Qorti kienet ikkonfermat "in-nomina tal-espert hemm indikat" (Sic!) u dan b'riferenza ghall-process verbal u innominat lill-espert forensiku Spizjar Mario Mifsud biex jezamina id-droga D1 u D2 u jirrelata dwar in-natura u l-piz taghhom. Fil-fatt mill-atti tal-Process Verbal (Fols. 21 sa33) ma jirrizultax li kien gie nominat ebda espert fl-Inkjesta mibdija mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Dan l-espert esebixxa ir-relazzjoni tieghu Dok MM fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2001 quddiem l-ewwel Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhux fil-kors tal-inkjesta (Fol. 39 et sek.) u dana in forza tad-Digriet tan-nomina tieghu mill-istess Qortri tal-22 ta' Jannar, 2001 . Id-dritt ta' Lm31. 25 dovut lill-perit gie intaxxat mir-Registratur fl-20 ta' Frar, 2001 (fol. 44 a tergo tal-process) U MINN DAN JIDHER LI DAN L-AGGRAVJU TAL-APPELLANT HU INFONDAT BHALA FATT GHALIEX IN-NOMINA TAL-ESPERT SARET FIL-KAWZA U MHUX WAQT L-INKJESTA. .

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intierezza taghha.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur